**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1120/2024DC**
**f'l-ismijiet**

***Bah Keita***

***vs***

***L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni***

Illum, 15 ta' Lulju 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fit-3 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talab lil din il-Qorti żżomm lill-intimata milli:

> *Jaġixxi fuq l-Ordni ta' Ritorn u tal-Ordni ta' Tneħħija maħruġa kontra r-rikorrent fl-4 ta' Ġunju 2024*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fit-3 ta' Lulju 2024 permezz ta'liema laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar id-9 ta' Lulju 2024.

Rat ir-risposta tal-intimat l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni preżentata fil-5 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi oppona għat-talba bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma jirriżultawx l-elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub.

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-Ispettur Hubert Gerada f'isem l-intimat ai fini ta'l-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fid-9 ta' Lulju 2024 meta ir-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti proċesswali jidher li l-fatti prinċipali li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Ir-rikorrent kien wasal Malta fis-sena 2008 u kien qatta xi żmien in detenzjoni pero sussegwentement, minħabba li ma kienx hemm prospett li seta' jiġi ritornat lejn pajjiżu, ġie rilaxxjat.
- Huwa applika għall-ażil liema applikazzjoni ġiet miċħuda fid-9 ta' Ottubru 2008; intavola appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Appelli dwar ir-Refuġjati iżda l-appell ġie miċħud fit-23 ta' Marzu 2009.
- Minkejja dawn id-deċiżjonijiet ir-rikorrent baqa Malta in forza ta' *dokument isfar* ċioe dokument ta' identifikazzjoni li jispeċifika li:
    - ► id-detentur huwa awtoriżżat joqgħod Malta sakemm qed jistenna r-ritorn lejn il-pajjiż ta'oriġini tiegħu; u li
    - ► meta l-proċeduri ta' ritorn ikunu jistgħu jinbdew hekk kif ikun hemm il-prospett raġonevoli ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini jew xi stat ieħor fejn jista' jidħol, il-validita ta'l-imsemmi dolument tista' tiġi kanċellata.
- Wara diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Guinea biex persuni li kienu qed jgħixu Malta mingħajr il-permessi meħtieġa jiġu ritornati lejn pajjiżhom, fl-4 ta' Ġunju 2024 inħarġet deċiżjoni ta' ritorn u tneħħiija fil-konfront tar-rikorrent.
- Ir-rikorrent, ai termini tal-artikolu 25A tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appella minn din id-deċiżjoni fit-28 ta' Ġunju 2024; dan l-appell għadu pendenti.

Illi kienu f'dawn iċ-ċirkostanzi u pendenti dan l-appell li ġie preżentat ir-rikors odjern.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit li l-għan ta' talba għall-ħruġ mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat. Huwa altrettant stabbilit li biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni irid jintwera li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti, u li jkun jidher mad-daqqa t'għajn (prima facie) li r-rikorrent għandu dawk il-jeddijiet[1].

Illi pero, ai termini tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-mandat mitlub ikun kontra l-Gvern jew xi awtorita pubblika

> *il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;*[2]

Illi r-rekwiżieti imsemmija huma kumulattivi u jridu jiġu pruvati kollha.

Illi aktar minn hekk huwa fil-ġurisprudenza li:

> *... għall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi procediment ghall-hrug ta` l-Mandat kontra l-Gvern, tisharreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qeghda ssir fil-miftuh. Jekk tidhol fi process ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qeghda tohrog mill-binarji previsti mill-Art 873(3).*
>
> *Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi l-qorti tkun sodisfatta dik il-frazi mhijiex qeghda tirreferi ghall-konferma o meno, izda qeghda torbot mar-rekwizit erbgha (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uza l-konguntiv u. Ghal din il-Qorti dan sar sabiex min-naha wahda jaghmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naha l-ohra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iz-zewg rekwiziti jridu jsehhu flimkien.*[3]

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tas-smigħ tar-rikors odjern xehed l-Ispettur Hubert Haber u bil-ġurament tiegħu ikkonferma li la darba ġie intavolat appell mir-rikorrent quddiem Il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni huma mhux ser jeżegiwxxu l-

[1] Ref Dr Malcolm Vella vs Ministeru għas-Saħħa et: Prim' Awla 22 ta' Settembru 2023.
[2] Ref Dr Malcolm Vella vs Ministeru għas-Saħħa et.
[3] Ref Anthony Camilleri et vs Onor Minstru Dott Christian Cardona et: Prim' Awla 5 ta' Jannar 2016.

ordni ta' ritorn u tnehhija. Huwa stqarr ukoll li anke jekk isir appell, quddiem il-Qorti ta'l-Appell, mill-eventwali deċiżjoni li għad trid tingħata mill-imsemmi Bord, sakemm tingħata sentenza mill-Qorti ta'l-Appell l-ordni ta' ritorn u tneħħija ma jiġiex eżegwiet. Aktar minn hekk l-Ispettur Gerada iddikjara l-ordni ta' ritorn u tneħħija jibqa sospiż f'l-eventwalita li r-rikorrent jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ai termini ta'l-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-verita dawn id-dikjarazzjonijiet magħmula taħt ġurament mil-Ispettur Gerada jirriflettu dak li jipprovdi l-Kapitoli 217 (anke b'referenza għall-Kapitolu 420) tal-Liġijiet ta' Malta u dak li tipprovdi Liġi sussidjarja promulgata taħt il-Kap 217.

Illi fil-fatt is-subartikolu (1) ta'l-artikolu 6 ta'l-Avviż Legali 81 tas-sena 2011 (S.L.217.12) jipprovdi li:

> *L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni* ***m'għandux jaffettwa t-tneħħija meta****:*
> *(a) hija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew*
> *(b)* ***jiġi intavolat appell quddiem il-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25A(7) tal-Att u deċiżjoni dwar it-tneħħija tkun pendenti****:*

U l-proviso għas-subartikolu (4) ta'l-artikolu 14 tal-Kapitolu 217 jipprovdi li:

> *Iżda* ***wara li tkun saret ordni ta' tneħħija*** *mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, lil xi persuna li taħt xi dispożizzjoni tal-artikolu 5 tkun meqjusa bħala immigrant projbit,* ***jekk dik il-persuna tkun għamlet applikazzjoni għall-asil taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, l-effetti kollha tal-ordni ta' tneħħija għandhom jiġu sospiżi sakemm id-deċiżjoni finali tal-applikazzjoni għall-asil tkun ittieħdet.***

Illi kif intqal ir-rekwiżieti elenkati f'l-artikolu 873 tal-Kap 12 huma kumulattivi u jekk tfalli imqar waħda minnhom il-mandat ma jistax jinħareġ.

Illi la darba hemm dikjarazzjoni, konfermata b'ġurament quddiem din il-Qorti waqt is-smigħ tar-rikors, li l-ordni ta' ritorn u tneħħija mhux ser jiġi eżegwiet sa kemm ir-rikorrent jeżawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skond il-liġi, allura hija nieqsa il-konferma li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ikun inutli li l-Qorti tikkunsidra jekk ġewx pruvati l-elementi l-oħra rikjesti.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2024 safejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod proviżorju. Tordna li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat elettronikament lil Dr Martin Frrugia u Dr Miguel Degabriele.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**